



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija

(Kawża C-301/17)¹

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Att ta’ adeżjoni tal-2005 – Obbligi tal-Istati aderenti – Ambjent – Direttiva 1999/31/KE – Artikolu 14(b) – Rimi ta’ skart f’landfill – Għeluq tas-siti li ma kisbux l-awtorizzazzjoni għall-operat ta’ landfill – Proċeduri tal-għeluq u kura ta’ wara”

1. *Adeżjoni ta’ Stati Membri ġodda – Ir-Rumanija – Ambjent – Assenza ta’ terminu previst fl-att ta’ adeżjoni għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/31 – Konsegwenza – Applikazzjoni immedjata u integrali tad-direttiva*

(Att ta’ Adeżjoni tal-2005, Artikoli 52 u 53; Direttiva tal-Kunsill 1999/31, Artikoli 14(b) u (ċ), 18 u 19)

(ara l-punti 23, 25-27)

2. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Proċedura prekontenzjuża – Skop – Termini imposti fuq l-Istat Membru – Rekwiżit ta’ termini raġonevoli – Kriterji ta’ evalwazzjoni*

(ara l-punti 32-35)

3. *Ambjent – Skart – Rimi ta’ skart f’landfill – Direttiva 1999/31 – Assenza ta’ għeluq tas-siti li ma humiex konformi – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu*

(Direttiva tal-Kunsill 1999/31, Artikoli 7(g), 13 u 14(b))

(ara l-punti 39, 41, 43, 44, 47)

4. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja – Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni – Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata*

(ara l-punt 42)

¹ ĠU C 239, 24.7.2017.

5. *Stati Membri – Obbligi – Implementazzjoni ta' direttivi – Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern – Inammissibbiltà*

(ara l-punt 45)

Dispożittiv

- 1) Billi, f'dak li jikkonċerna t-68 landfill inkwistjoni, ma kkonformatx mal-obbligu li tiegħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex, malajr kemm jista' jkun, konformement mal-Artikolu 7(g) u mal-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, jingħalqu s-siti li ma kisbux, konformement mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, l-awtorizzazzjoni biex ikomplu joperaw, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(b) tal-Direttiva 1999/31, moqri flimkien mal-Artikolu 13 tagħha.
- 2) Ir-Rumanija hija kkundannata għall-ispejjeż.